MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 219/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nezrin Grixti)**
**Vs**
**Kenneth Pisani**

**Illum, 25 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fis-7 t'Awwissu 2004 u matul dawn il-aħħar tnax-il xahar qabel, ġewwa Birżebbuġa w bnadi oħra f'Malta

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-

Ordinanza w meta ma kienx bil- liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;

b) fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (amphatemine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tal- artikolu 5(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A(1)(a) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;

ċ) fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill- pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollha bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) fl-istess żmien u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) fl-istess ċirkostanzi kkommetta dan ir-reat fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal- Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Gunju, 2009, li biha,

wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, ir-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) u l-aggravju dwar id-distanza li jidher taht l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni w ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta izda minflok sabitu ta' pussess semplici biss, reat li huwa kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni w illiberatu mill-aggravju tad-distanza li jidher bhala l-imputazzjoni (e) u kkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €1030 li parti minnha tista' tispacca mal-flus pprezentati mill-prosekuzzjoni. Jekk ma tittihidx din l-ghazla, allura l-multa trid tithallas kollha fi zmien xahar.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti ma kkundannatx lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti mqabbdin matul l-inkjesta ghaliex din saret qabel is-16 ta' Jannar, 2006. Lanqas ma kkundannatu ihallas l-ispejjez ghar-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace minhabba li l-Qorti lliberat lill-appellant minn dan l-aggravju. Izda kkundannatu ihallas l-ispejjez ghall-perizja maghmula mill-espert mahtur minn dina l-Qorti s-sur Martin bajada, liema relazzjoni tiswa €317.47. Il-hlas ghandu jsir fi zmien xahar.
Il-Qorti awtorizzat lill-appellant jiehu lura l-LM431 jew l-ekwivalenti taghhom f'Ewros stante li l-Qorti m'ghandhiex quddiema prova cara li dawn il-flus gew mill-bejgh tad-droga. Ordnat pero' li jinzammu w jkunu kkonfiskati z-zewg mobile phones.
Ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta izda hati biss ta' pussess semplici reat li huwa konpriz u involut, u inkwantu mhux hati ta' l-aggravju tad-distanza li jidher bhala imputazzjoni (e), in kwantu awtorizzatu jiehu lura l-LM431 f'Ewro, u in kwantu lliberatu mill-hlas ta' l-ispejjez tar-relazzjoni tal-Perit

Alexei Pace, tirrevokaha in kwantu ghal bqija billi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet kif dedotti u minflok issibu hati biss ta' pussess semplici, u billi tilliberah mill-hlas ta' l-ispejjez tal-perizja ta' Martin Bajada, w billi tawtorizzah jiehu lura z-zewg mobile phones u subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti l-appellant talab li fil-kaz ta' konferma ta' htija *"in toto"* jew *"in parte"* din il-Qorti joghgobha tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u aktar adattata lill-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiema ghax b'dawk imressqa mill-prosekuzzjoni ma kellhiex tirrizulta htija ta' traffikar izda ta' pussess semplici;
Illi l-piena nflitta hija eccessiva w ghandu jkun hemm temperament f'din il-piena.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fis-7 t'Awwissu, 2004 fi Triq Dicembru 13, B'Bugia l-appellant kien qed isuq Honda Civic FAF 953 meta twaqqaf mill-Pulizija w saret tfixxija fuq il-persuna tieghu li nstabu tnax-il borza bi trab abjad fil-but u LM 431 fil-but l-iehor.  Waqt tfixxija fil-vettura nstabu zewg "joints" tal-cannabis u kaxxa vojta ta' CD bi trab abjad fuqha.  Il-Pulizija ghamlet ukoll tfixxija fir-residenza tal-appellant u fil-kamra tas-sodda tieghu nstabet borza bl-amfetamina, bicca blokka tar-raza tal-cannabis u seba' kantunieri tal-plastic godda.  Kien hemm ukoll lista bl-ismijiet, numri tat-telefon u laqmijiet u LM 440 li sussegwentement irrizulta illi kienu foloz.  Instabet ukoll bicca blokka ta' kulur abjad amfetamina w tlett pakketti "Rizla Paper" u aktar kokajina.

L-appellant ammetta mal-Pulizija li kien ilu jaghmel uzu mid-droga mit-8 t'Awwissu 2003. Kien ha l-kokajina fil-jum ta' qabel, l-amfetamina fil-"week end" ta' qabel u jiehu erba' jew hames "joints" cannabis kuljum.

Fil-hin li twaqqaf l-apellant kien qed jitbieghed mill-"football nursery" u gnien pubbliku w qal li kien sejjer lejn ix-xatt ta' B'Bugia.

Fit-trattazzjoni taghha quddiem din il-Qorti d-difiza ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-11 ta' Gunju, 2009 u qalet illi sar apprezzament hazin tal-provi w ukoll illi l-piena kienet eccessiva.

Rigward l-apprezzament, id-difiza ilmentat li s-sentenza kienet "unsafe and unsatisfactory" il-ghaliex l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni ta' spaccar. Irrizulta biss illi l-Pulizija segwiet lill-imputat, ratu hiereg mid-dar, diehel fil-karozza w segwietu w waqfitu w instabet id-droga fil-pussess tieghu.

Ma kienx hemm prova li l-imputat kien qed jinnegozja. Instabet biss kwantita' kbira ta' droga.

Id-difiza rriferiet ghal kumment tal-Ewwel Qorti meta qalet illi l-imputat ma kienx attendibbli w qalet illi l-Ewwel Qorti kienet mghaggla. Allegat li l-imputat xtara d-droga lesta mqassma w b'erba' mitt lira fil-but u f'but iehor tnax-il qartas. Dak iz-zmien l-imputat kien gharus, kien ghamel konvenju biex jixtri fond u kellu bzonn il-flus u waqa' ghall-vizzju tad-droga. Spicca "heavy user" u ghal persuna bhal dak tnax-il qartas mhumiex hafna w ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni illi kien hemm ukoll traffikar.

Rigward il-piena d-difiza ssottomettiet illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni ta' traffikar sforz l-ammont u kwalita' ta' droga illi nsabet fil-pussess tal-appellant, li kellu fedina penali netta. Issottomettiet li kkoopera mal-Pulizija w saru diversi rakkomandazzjonijiet tal-Welfare Officers dwar il-bidla fil-hajja tal-appellant. Dak iz-zmien li nghatat is-sentenza t-tfajla tal-appellant kienet qed

tistenna tarbija w illum weldet u l-appellant qed igib ruhu tajjeb. Ghandu xoghol f'"Confectionery" u huwa "bread winner".

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi ma kienx il-rwol tal-Qorti tal-Appell illi terga' tivvalida l-fatti li gew esposti quddiem l-Ewwel Qorti. Kien biss jekk jirrizultalha ili l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti ma kienetx ragjonevoli jew legali li l-Qorti tal-Appell ghandha tindahal. Il-Magistrat dahal fid-dettal f'dan il-kaz u evaluwa mhux biss il-provi dokumentarji izda wkoll il-mod kif wiehed iddepona ruhu fuq il-pedana tax-xhud. Is-sentenza kienet wahda legali. L-piena fil-parametri tal-ligi w ghalhekk ma kienx il-kaz illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti tigi disturbata.

Ikkunsidrat :

Illi kif jirrizulta mis-suespost l-ewwel ilment tad-difiza kien illi s-sentenza kienet "unsafe and unsatisfactory" mehud in konsiderazzjoni l-fatti illi kellha quddiemha.

Skond l-awtur Blackstone fil-ktieb "Criminal Procedure" (2001 para. D 22.15 pagna 1622) unsafe or unsatisfactory *"......... means that in cases of this kind, the Court must in the end ask itself a subjective question whether we are content to let the matter stand as it is or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence, as it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the Court experiences it."*

Dan gie spjegat ukoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt" [1.12.1994] fejn intqal "*fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti w f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti, tara jekk, anki jekk kien hemm verzjonijiet kontradditorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx illiberament u senament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta w*

*evidentement giet emnuta l-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti hu li tirrispetta dik id-deskrizzjoni w dak l-apprezzament. Ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina b'mod profond li l-provi kollha migjuba w migbura w in partikolari t-traskrizzjonijiet tax-xhieda w l-istqarrija illi l-appellant ghamel mal-Pulizija jwasslu ghal dik il-konkluzzjoni. Fi kliem iehor, il-kaz mhux wiehed azzardat legalment u kontra kull principju legali li wiehed jasal ghal konkluzzjoni ta' rejeta', imma hu kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal u l-Ewwel Qorti setghet ghalhekk legittimament u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet fuq il-provi* (Ara wkoll : Pulizija vs Wahid Elawami Qorti tal-Appell Inferjuri 1.09.2004).

Din il-Qorti ezaminat il-provi illi l-prosekuzzjoni gabet f'din il-kawza kif ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti, liema sentenza hija wahda ordnata, argumentata w li fiha l-Magistrat ha in konsiderazzjoni l-ilmenti kollha tad-difiza illi resqet quddiem dik il-Qorti. Dak inhar ukoll id-difiza resqet quddiem l-Ewwel Qorti l-fatt illi l-appellant kien irriforma ruhu. Kien qed jistenna tarbija, kien qed jahdem b'mod regolari w id-dikjarazzjonijiet tal-Welfare Officers ta' kemm verament irriforma ruhu l-appellant. Ma dan kollu deherilha illi l-prosekuzzjoni rrnexxielha tipprova l-kaz taghha fi grad li trid il-Ligi w sabet lill-imputat hati tal-akkuzi, hlief ghat-tieni akkuza fejn deherilha illi kellha ssib lill-appellant hati ta' pussess semplici, haga li setghet legalment taghmel.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija, din il-Qorti ssib li l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Fi kliem iehor, m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tirrimpjazzja d-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, ladarba wara apprezzament approfondit jirrizulta illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha (ara wkoll Pulizija vs Carmelo Schembri App. Krim. 28.04.1995).

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-argumenti tad-difiza illi llum l-appellant irriforma ruhu.

Rat illi kellu fedina penali netta.  Rat ukoll illi kien ikkoopera mal-Pulizija, u li dak iz-zmien kien qed jistenna tarbija w id-diversi rakkomandazzjonijiet tal-Welfare Officers.  Pero' dehrilha illi kellha timponi  piena karcerarja kif fil-fatt ghamlet.

Din il-Qorti rat illi l-piena hija wahda legali fil-parametri tal-Ligi ghal dan it-tip ta' reat illi tieghu l-appellant instab hati.

Ghalhekk bl-istess argumenti fuq imsemmija, mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament u d-decizzjoni li hadet l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------